**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**Vs**

**Francis Grech**

**Illum 28 ta' Mejju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Francis Grech ta' ħamsa u ħamsin (55) sena, iben Nazzareno u Mary Rose neè Spiteri, imwieled il-Pietà fit-22 ta' Novembru 1965, residenti Nru.112, Triq l-Ifran, Valletta, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 535565(M), talli b' diversi atti magħmulin f'ħinijiet differenti fil-gżejjer Maltin, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u liema atti ġew magħmula b' riżoluzzjoni waħda, ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Liġiijiet ta' Malta:

1. Nhar it-23 ta' Mejju 2021, għall-ħabta ta' bejn 12:00hrs u 12:15hrs minn ġewwa l-*Food Market* tas-Suq tal-Belt sitwat fi Triq Merkanti, il-Belt, Valletta, ikkommetta serq ta' tlett flixken *Jack Daniels* ta' valur total ta' €54, għad-dannu ta' Joseph Paul Azzopardi u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra;

2. U talli nhar il-15 ta' Mejju 2021, għall-ħabta tal-10:30hrs, ġewwa l-ħanut bl-isem *Gigi's Cash and Carry*, Triq San Nikola, il-Belt, Valletta, ikkommetta serq ta' flixkun Deward's White Label ta' valur ta' €11.46 u flixkun Nikka all Malts ta' valur ta' €28.66, għad-dannu ta' Jefrin Grech u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra;

3. U aktar talli fit-30 ta' April 2021, għall-ħabta tas-14:20hrs ġewwa l-ħanut bl-isem *Chemimart Pharmacy* gewwa Triq ir-Repubblika l-Belt, Valletta, ikkommetta serq ta' flixkun fwieħa b' valur ta' €37.42, ghad-dannu ta' Adrian Mifsud u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti tittratta ma' l-imputat bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan wara diversi sentenzi li saru definittivi;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni offiżi hawn fuq imsemmija, jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuni msemmija u l-familjari tagħhom minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat skond l-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għas-sigurtà ta' l-persuni offiżi u l-familji tagħhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, anke wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "PCL1" sa' Dok. "PCL6";

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli b' diversi atti magħmulin f'ħinijiet differenti fil-gżejjer Maltin, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u liema atti ġew magħmula b' riżoluzzjoni waħda, ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Liġiijiet ta' Malta: (1) nhar it-23 ta' Mejju 2021, għall-ħabta ta' bejn 12:00hrs u 12:15hrs minn ġewwa l-*Food Market* tas-Suq tal-Belt sitwat fi Triq Merkanti, il-Belt, Valletta, ikkommetta serq ta' tlett flixken *Jack Daniels* ta' valur total ta' €54, għad-dannu ta' Joseph Paul Azzopardi u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra; (2) u talli nhar il-15 ta' Mejju 2021, għall-ħabta tal-10:30hrs, ġewwa l-ħanut bl-isem *Gigi's Cash and Carry*, Triq San Nikola, il-Belt, Valletta, ikkommetta serq ta' flixkun Deward's White Label ta' valur ta' €11.46 u flixkun Nikka all Malts ta' valur ta' €28.66, għad-dannu ta' Jefrin Grech u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra; (3) u aktar talli fit-30 ta' April 2021, għall-ħabta tas-14:20hrs ġewwa l-ħanut bl-isem *Chemimart Pharmacy* gewwa Triq ir-Repubblika l-Belt, Valletta, ikkommetta serq ta' flixkun fwieha b' valur ta' €37.42, ghad-dannu ta' Adrian Mifsud u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni, il-Qorti ssib lill-imputati ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat u minnu ammessi u ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat għandu bżonn l-għajnuna sabiex jiffaċċja problemi ta' dipendenza li huwa għandu, liema dipendenza fil-preżent hija dipendenza mill-alkohol.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 31, 49, 50, 284 u 285 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ittenni li qed issib lill-imputat ħati ta' l-

imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu iżda, peress illi l-Qorti hija sodisfatta li is-sorveljanza ta' l-imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu, partikolarment mill-vizzju ta' l-abbuż ta' l-alkohol, u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta' l-istess imputat, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imsemmi Francis Grech taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' sentejn (2) millum, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Jefrin Grehc qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu innfisu taħt penali ta' mitt Euro (€100) għall-perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri millum. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-imputat qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha. Il-Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab ħati quddiem Qorti kompetenti li kiser il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tiegħu, is-somma ta' mitt Euro (€100) li għaliha obbligu ruħu tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Fid-dawl ta' l-obbligazzjoni imposta fuq l-imputat ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikoli 382A, 384, 385 u 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi f'dan il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' l-ispejjeż a tenur ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tad-Digrieti ta' Ordni ta' Probation mogħtija llum fil-konfront ta' Francis Grech jiġu komunikati lid-Direttur tal-Probation Services.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**